TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 261/12-F

**Dr William Azzopardi**
**vs**
**James Vella u Luke Vella Clark**

Illum 21 ta' Mejju, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-11 ta' Ottubru, 2012 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' tliet mitt ewro (€300), rappreżentanti tiswija ħażina li saret fuq il-*laptop*.

L-intimati ppreżentaw risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendew għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimati li huma l-istess intimati, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kellu l-*laptop* bil-ħsara u ħadu għand l-intimati sabiex tissewwa l-ħsara. L-intimati sewwew il-*laptop* u ħarġu kont ta' mitejn u tletin ewro (€230), peress li kienet tbiddlet il-*motherboard*. Wara li ġie rritornat il-*laptop*, xi ġimgħatejn wara reġa' kellu l-istess ħsarat.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, qed ikun ikkonfrontat b'żewġ verżjonijiet. Wieħed, illi r-rikorrenti qed jallega li t-tieni ħsara kienet l-istess u illi l-intimati kienu sewwew il-ħsara, u li t-tieni ħsara ma kinitx tort tagħhom.

Minħabba li l-ispejjeż mhumiex ħafna, kemm minħabba l-fatt li ma kienx hemm rikjesta u anke minħabba l-fatt illi l-ammont kien eventwalment żgħir, it-Tribunal ma qabbadx espert tekniku sabiex jgħaddi għad-deċiżjoni.

Tenut kont tal-fatti, t-Tribunal qiegħed jiddeċiedi b'ekwita' illi filwaqt li r-rikorrenti rċieva l-*laptop* imsewwi u ġimgħatejn wara reġa' mar, mhux bilfors fuq l-istess ħaġa, u li ma ġietx ippruvata x'kienet il-ħsara.

Għal dawn il-motivi:

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lill-intimati *in solidum* iħallsu lir-rikorrenti s-somma ta' mija w għaxar ewro (€110), u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**